# KUNSILL LOKALI
# TA’ XBIEX

## Is-Sitt Kunsill

# Rapport ta’ Hidma mill-Kunsilliera
# 2010- 2011

**Kelmtejn mis-Sindku**

Bħal kull sena rega' wasal iż-żmien fejn bħala Sindku ta' din il-Lokalita qed inressaq rapport ta' ħidma għal approvazzjoni ta' dan il-Kumitat . Liema rapport għamilt b'koordinazzjoni ma' sħabi il-Kunsilliera laburista. Aħna dejjem ħdimna fIlmkien u dejjem ħarisna bl-aktar mod responsabbli biex dak kollu li jigi mwettaq ikun dejjem ta' beneffiċju u ta' ġid għal komunita kollha.

F'dan ir-rapport se nelenka l-aktar xogħlijiet importanti li saru matul din is-sena. Huwa mpossibli li noqod insemmi kollox pero rrid infakkar ukoll li peress li saru xi emendi fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali eżempju wieħed huwa, fejn it-terminu ta' kull Leġislatura twalet minn tlett snien għal erba snin. Għalhekk il-Kunsill kellu jerġa jagħmel revizjoni fil-Pjan ta' Ħidma peress li t-term tagħna ġie estież b'sentejn oħra. Li kieku kollox baqa kif kien dan il-Kunsill qed jagħmel parti minn leġislatura ġdida ie. s-Seba Leġislatura.

Naturalment il-Kunsill baqa' għaddej fuq ċertu xogħlijiet li diġa bdejna kif ukoll bdejna naħdmu fuq proġetti ġodda li jirrikjedu ħafna xoghol u li rridu nwettquhom matul dawn is-sentejn.

Jiena persważa li kif ħdimna matul dawn it-tlett snin nkomplu naħdmu fl-imkien fix-xhur li ġejjien. Għandna ħafna sfidi quddiemna pero bl-għajnuna t'Alla kif diġa għamilna fil-passat,naħdmu bis-sħiħ biex dawn jiġu mwettqa ukoll b'risq il-ġid tal Komunita kollha.

Antoinette Vassallo
Sindku

## Ambjent.

- Il-Kunsill baqa' għaddej bit-tindif ġenerali ,kemm dak tat-toroq kif ukoll tal-ġonna ż-żgħir tal madwar.

- Kompla jaħdem bis-sħiħ fuq is-sistema ta'separazzjoni ta' l-iskart. Grazzi għal kooperazzjoni tar-Residenti, l-Kunsill tagħna ġie kklassifikat fit-tieni post fost 54 Kunsilli bħala l-aktar Kunsill li rnexxielu jiġbor l-aktar skart per capita li jista' jiġi rreċiklat.

- Komplejna nżidu aktar bins ta' separazzjoni n-naħa tax-Xatt kif ukoll bins għal ħmieġ tal-klieb madwar il-Lokalita kollha. B'kollox għandna madwar 60 bins ġodda.

- Tħawwlu diverżi siġar endiġeni kif ukoll siġar taċ-ċitru. Matul is-sena jitkompla iż-żbir tas-siġar fejn meħtieġ kif ukoll jitħawwlu pjanti staġjonali.

## Immaniġjar tat-Traffiku.

- Tkompliet il-manutenzjoni tat-tabelli, sinjali tat-traffiku u l-marki tas-sinjali ta' l-art b'mod regolari.

- Biex titħares is-sigurta' fit-toroq tagħna l-Kunsill biddel diversi toroq minn sistemi *ta' two-way system f'one way system.* Dawn it-toroq ġew mibdula l-aktar in-naħa tal- vilel u madwar il-Paroċċa. Dawn ġew implementati wara konsultazzjoni mar-residenti kif ukoll mal-Kapillan .

- Saru *żebra crossings u pelican lights* fejn meħtieġ. Dalwaqt jibda ix-xogħol *taż-żebra crossing* fi triq Prinċipessa Margerita.

- Il-Kunsill baqa' għaddej bit-tħaddim tas-sistema tar-*Residents' Parking Scheme.* Sistema li reġgħet ġiet riveduta u għal darba oħra l-Kunsill reġa qassam il-permessi l-ġodda għal kullħadd kif stipulat fir-regolamenti tat-Transport Malta.

- Il-Kunsill kien irnexxielu wara tant snin li jdaħħal rotta tal-karozza tal-linja mill Belt u li tgħaddi minn ġewwa Ta' Xbiex u tibqa sejra sa' tasSliema. Il- karozza numru 64.

- Sfortunatament bis-sistema l-ġdida ta l-Arriva din ir-rotta spiċċat. Għaldaqstant il-Kunsill irid ikompli jagħmel pressure ma' l-Awtorita jkkonċernata biex din ir-rotta terġa tibda tgħaddi minn ġewwa l-Lokalita tagħna.

## <u>Xogħlijiet Infrastrutturali</u>

Matul din is-sena kien għad fadal xi ftit bankini mit-tieni fażi tas-sena l-oħra li l-Kunsill kellu jlesti u dawn saru ukoll.It-Tielet fażi tinkorpora propju in-naħa ta' Prinċipessa Margerita u n-naħa tal Junction tar-Roundabout bejn triq Prinjolata u triq Abate Rigord.

L-ewwel fażi kien propju il-kostruzzjoni tar-roundabout in-naħa tal blokki ta' l- F1 u F2.Hawnhekk il-Kunsill ħadem biex isebbaħ din r-roundabout bl-aktar mod possibli biex b'hekk inkunu qedin nagħtu aktar identita lil Lokal tagħna. Il-Kunsill ser ikompli bit-tieni fażi ta' din iż-żona billi isiru kostruzzjoni mill ġdid tal-korduna fir-roundabout il- kbira, landscaping u irrigation fir-roundabouts kollha.

Proġett ieħor li ħadem fuqu matul din is-sena kien propju it-twaħħil tal-*Photovoltaic Panels* fuq il-bejt tal-Blokk E1. Dawn il-panelli qedin iservu biex is-sistema tad-dawl kif ukoll it-tħaddim tal-funtana l-ġdida qed jiġu meħuda minn dawn il-panelli. Irrid ngħid grazzi lir- residenti ta' din il-blokka għal kooperazzjoni li taw.

Komplew isiru diversi patching kemm żgħir kif ukoll heavy patching f'diversi toroq fejn meħtieġ. L-ahhar triq li saret kienet propju fit-Triq Abate Rigord li tibqa niżla għal fejn il-Mamma Mia. Din saret minn naħa tal-Gvern Centrali wara ħafna nsistenza minn naħa tal Kunsill.

Matul din is-sena l-Kunsill applika għal żewg skemi mnedija mill- Awtorita' tad-Djar . Waħda tikkonċerna il-manutenzjoni tal-partijiet komuni ta' l-Oqsma tal-Bini tal Gvern,waqt li l-oħra tikkonċerna skema intiża biex tirriġenera l-oqsma tal-madwar tal-Bini tal Gvern.Iż-żewġ skemi ġew aċċettati minn naħa ta l-Awtorita tad-Djar.

Għal l-ewwel skema saru diversi laqgħat mar-rappreżentanti tal-blokki kollha fejn jiena tajt spjegazzjoni eżatta ta' kif din l-iskema se tiġi mplementata. Għal kull blokka l-Gvern se jagħti 5000 ewros. Wara konsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill ,ġew magħżula s- seba blokki għal din is-sena, li dawn huma BlkD5 BlkE1,BlkB4, BlkC3,BlkC4, BlkC2 u Blk B3 kif ukoll għaxar blokki ghas-sena ddiehla.Bħalissa qedin fil-fażi fejn nħareġ it-tender għax-xogħolijiet ta' dawn il-blokki.

It-tieni skema li tinkorpora ħafna aktar xgħolijiet u l-Kunsill kellu joħroġ bi programm intiż.Dan il-programm ġie magħżul u l-Kunsill se jinagħtalu is-somma ta' 75,000 ewros u li dan irid jiġi mwettaq sa l-aħħar tas-sena 2012.

Il-proġramm se jinkorpora rikostruzzjoni ta' bankini quddiem il-blokki B u C kif ukoll rikostruzzjoni tal-ħwat u landscping. Ser isiru dwal dekorattivi kif ukoll *photovoltaic panels* fuq dawk il-blokki li għandhom il-lifts. B'kollox ser isiru seba settijiet ta' panelli fuq 7 blokki. Biex isir dan kollu is-somma ta' flus meħtieġa se tkun ta' madwar 125,000 ewros. l-Kunsill se joħroġ id-differenza.

**Attivitajiet Edukattivi,Kulturali u Kreattivi.**

- Perjodikament il-Kunsill jieħu ħsieb jorganizza ħarġiet kulturali u edukattivi għal familja kollha.

- Itellgħu sensiela ta' laqgħat edukattivi matul ix-xhur tax-xitwa, waqt li matul is- sajf saru lezzjonijiet tal-Craft u Drama għat-tfal a' bejn il ħames u tnax il-sena ġewwa l-Kunsill stess.

- Matul din is-sena il-Kunsill ħaseb biex jibda klassi taż-żfin bi prova,mmirata l-aktar għal dawk ir-residenti li għandhom bżonn kwalita ta' ħajja aħjar billi nippromovu aktar mobilita . Il-parteċipazzjoni kienet tant inkoraġġanti li l-Kunsill kellu jagħmel klassi oħra għal beginners.

- Il-Kunsill baqa' joffri s-servizz ta' Librerija għal kullħadd kif ukoll ta' kull sena nixtru kotba ġodda.

- Bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum Ta' Xbiex din is-sena il-Kunsill tella' għal l-ewwel darba attivita kbira fix-xatt ta' Ta' Xbiex fejn kien hemm ikel tradizzjonali Malti ,kant u żfin folkloristiku kif ukoll diversi wirjiet tal-artiġjanat Malti. Tant kient lejla sabieħa u attendew ħafna nies li l-Kunsill qed jaħseb biex lejla bħal din tibda ssir ta' kull sena.

- Il-Kunsill baqa' joħroġ fuq bażi regolari fuljett ta' informazzjoni dwar il-ħidma tal-Kunsill kif ukoll jżomm kuntatt mar-residenri permezz ta' diversi avviżi li jitqassmu fir-residenzi matul is-sena sabiex inkomplu nżommu r-residenti nfurmata b'dak kolluli jkun għaddej f' dak il-perjodu.



**Harsien Soċjali**

Il-Kunsill baqa' għaddej bis-servizz ta' Berġa mill ufficini tal- Kunsill stess. Żidna Il-ħin tal-Berġa peress li din qed tiġi ffrenkwentata minn ħafna residenti. Ta' kull sena nagħtu ukoll il-vaċċina tal-influwenza lill kull min irid.

- Baqgħu għaddejin il-laqgħat regolari mal-Pulizija biex inkomplu nħarsu is-sigurta f'ċerti toroq speċjalment fejn jidħlu l-problemi ta' prostutuzzjoni u kriminalita.

- Parti mill attivitajiet ta'Jum Ta' Xbiex din is-sena tajna mportanza lill dawk ir-residenti li jinsabu rikoverati fid-dar u li ma jistgħux joħorġu minn darhom,billi bħala Kunsill wieħed morna nżuruhom ġewwa djarhom u qattajna ftit ħin maghhom.

---------------------------
Antoinette Vassallo
Sindku